

Brussell, 30 ta' Ġunju 2023  
(OR. en)

11157/23

ECOFIN 681  
UEM 215  
SOC 506  
EMPL 357  
COMPET 701  
ENV 780  
EDUC 293  
RECH 325  
ENER 416  
JAI 928  
GENDER 157  
ANTIDISCRIM 151  
JEUN 195  
SAN 432

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9851/1/23 REV 1
Nru dok. Cion:	COM(2023) 625 final
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 tas-Slovakkja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 tas-Slovakkja

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif diskuss mill-Kunsill u l-Kunsill Ewropew, abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni COM(2023) 625 final.

## RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 tas-Slovakkja u li tagħti opinjoni tal-**

**Kunsill**

**dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 tas-Slovakkja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tishiġ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet baġitarji u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

---

<sup>1</sup> ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>, li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ("il-Faċilità"), daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. Il-Faċilità tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti, li jinvolvu impuls fiskali ffinanzjat mill-Unjoni. F'konformità mal-prijoritajiet tas-Semestru Ewropew, il-Faċilità tikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku u inklużiv u għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti sostenibbli u li jtejbu t-tkabbir, b'mod partikolari riformi u investimenti biex jipromwovu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u biex jagħmlu l-ekonomiji tal-Istati Membri aktar reżiljenti. Tgħin ukoll biex issaħħaħ il-finanzi pubbliċi u tagħti spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fuq terminu medju u twil, ittejjeb il-koeżjoni territorjali fl-Unjoni u tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru taħt il-Faċilità ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

---

<sup>3</sup> Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

- (2) Fit-22 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023, li ta bidu għas-Semestru Ewropew 2023 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Fit-23 ta' Marzu 2023, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023, li huma ċċentriati madwar l-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva. Fit-22 ta' Novembru 2022, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2023, li fih identifikat is-Slovakkja bħala wieħed mill-Istati Membri li jista' jiġi affettwat jew li jista' jkun f'riskju li jiġi affettwat mill-iżbilanċi, u li għalih tkun meħtieġa analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll opinjoni dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju tal-2023 tas-Slovakkja. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2023, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro<sup>4</sup> ("Rakkomandazzjoni tal-2023 dwar iż-żona tal-euro") fis-16 ta' Mejju 2023 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fit-13 ta' Marzu 2023.
- (3) Filwaqt li l-ekonomiji tal-Unjoni qed juru reżiljenza notevoli, il-kuntest ġeopolitiku għad għandu impatt negattiv. Hekk kif l-Unjoni qed tappoġġa b'mod sod lill-Ukrajna, l-aġenda tal-politika ekonomika u soċjali tal-Unjoni hija ffukata fuq it-tnaqqis tal-impatt negattiv tax-xokkijiet tal-enerġija kemm fuq l-unitajiet domestiċi kif ukoll fuq id-ditti vulnerabbli fuq terminu qasir, u fuq iż-żamma tal-isforzi biex jitwettqu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, l-appoġġ għat-tkabbir sostenibbli u inklużiv, is-salvagwardja tal-istabbiltà makroekonomika u ż-żieda tar-reżiljenza fuq terminu medju. Hija tiffoka ħafna wkoll fuq iż-żieda fil-kompetittività u l-produttività tal-Unjoni.

---

<sup>4</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju 2023 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (ĠU C 180, 23.5.2023, p. 1).

- (4) Fl-1 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni bit-titolu "Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti" ("il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku"). L-għan tal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet zero netti tal-Unjoni u tiġi appoġġata t-tranżizzjoni rapida lejn in-newtralità klimatika. Huwa jikkomplementa l-isforzi li għaddejjin bil-Patt Ekoloġiku Ewropew u r-REPowerEU. Huwa għandu l-għan ukoll li jipprovdi ambjent li jappoġġa aktar iż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni għat-teknoloġiji u l-prodotti b'emissjonijiet zero netti meħtieġa biex jintlaħqu l-miri klimatiċi ambizzjużi tal-Unjoni, u biex jiġi żgurat aċċess għal materja prima kritika rilevanti, inkluż bid-diversifikazzjoni tal-akkwist, l-isfruttament kif xieraq tar-riżorsi ġeoloġiċi fl-Istati Membri u l-massimizzazzjoni tar-riċiklaġġ tal-materja prima. Il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa bbażat fuq erba' pilastri: ambjent regolatorju prevedibbli u semplifikat, aċċess imħaffef għall-finanzjament, it-titjib tal-ħiliet, u kummerċ miftuħ għal ktajjen tal-provvista reżiljenti. Fis-16 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni bit-titolu "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030", strutturata fuq disa' xpruni li jsaħħu lil xulxin bl-għan li ssir ħidma lejn qafas regolatorju li jsaħħaħ it-tkabbir. Hija tistabbilixxi prijoritajiet ta' politika mmirati biex jiżguraw b'mod attiv titjib strutturali, investment iffukat tajjeb u miżuri regolatorji għall-kompetittività fit-tul tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt jgħinu biex jiġu indirizzati dawk il-prijoritajiet.
- (5) Fl-2023, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika qed ikompli jevolvi f'konformità mal-implimentazzjoni tal-Faċilità. L-implimentazzjoni sħiħa tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tibqa' essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, billi l-pjanijiet jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż kollha jew subsetti sinifikanti minnhom maħruġa f'dawn l-aħħar snin. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019, l-2020 u l-2022 jibqgħu ugwalment rilevanti għall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati jew emendati f'konformità mal-Artikoli 14, 18 u 21 tar-Regolament (UE) 2021/241.

- (6) Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup> ("ir-Regolament REPowerEU"), li ġie adottat fis-27 ta' Frar 2023, għandu l-għan li jipproċedi malajr bl-eliminazzjoni gradwali tad-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili Russi. Dan ser jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-enerġija u d-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-UE, filwaqt li jżid l-użu tal-enerġija rinnovabbli, il-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika. Ir-Regolament REPowerEU jippermetti lill-Istati Membri jżidu kapitoli ġdid tar-REPowerEU mal-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ewlenin li ser jgħinu biex jintlaħqu l-obiettivi tar-REPowerEU. Dawk ir-riformi u l-investimenti ser jgħinu wkoll biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet zero netti tal-Unjoni kif deskritt fil-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku u ser jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-enerġija maħruġa lill-Istati Membri fl-2022 u, fejn applikabbli, fl-2023. Ir-Regolament REPowerEU jintroduċi kategorija ġdida ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, li ssir disponibbli għall-Istati Membri sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ġodda relatati mal-enerġija skont il-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza.

---

<sup>5</sup> Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1).

(7) Fit-8 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li tipprovdi gwida għall-politika fiskali għall-2024 ("il-komunikazzjoni tat-8 ta' Marzu 2023"). Din għandha l-għan li tappoġġa t-tnejn tal-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tal-Istati Membri u b'hekk issaħħa il-koordinazzjoni tal-politika. Il-Kummissjoni fakkret li l-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ser tiġi diżattivata fi tmiem l-2023. Hija appellat għal politiki fiskali fl-2023-2024 li jiżguraw is-sostenibbiltà tad-dejn fuq terminu medju u li jżidu t-tkabbir potenzjali b'mod sostenibbli u stiednet lill-Istati Membri biex jistabbilixxu fil-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tagħhom tal-2023 kif il-pjanijiet fiskali tagħhom ser jiżguraw li l-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) jiġi rispettat u jiżguraw tnaqqis plawżibbli u kontinwu tad-dejn, jew biex id-dejn jinżamm f'livelli prudenti fit-terminu medju. Il-Kummissjoni stiednet ukoll lill-Istati Membri jeliminaw gradwalment il-miżuri fiskali nazzjonali introdotti biex jiproteġu lill-unitajiet domestiċi u lid-ditti mix-xokk tal-prezz tal-enerġija, u jibdeu bl-inqas miżuri mmirati. Hija indikat li, jekk ikun meħtieġ li l-miżuri ta' appoġġ jiġu estiżi minħabba pressjonijiet tal-prezzijiet tal-enerġija mġedda, jenħtieġ li l-Istati Membri jimmiraw aħjar tali miżuri lejn unitajiet domestiċi u ditti vulnerabbli. Il-Kummissjoni ddikjarat li r-rakkomandazzjonijiet fiskali jkunu kwantifikati u differenzjati. Barra minn hekk, kif propost fil-komunikazzjoni tagħha tad-9 ta' Novembru 2022 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, ir-rakkomandazzjonijiet fiskali jiġu fformulati abbażi tan-nefqa primarja netta. Hija rrakkomandat li l-Istati Membri kollha jkomplu jiproteġu l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali u jiżguraw l-użu effettiv tal-Faċilità u ta' fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-oġġettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u tar-reżiljenza. Il-Kummissjoni indikat li ser tipproponi lill-Kunsill jiftaħ proċeduri ta' defiċit eċċessiv ibbażati fuq id-defiċit fir-rebbiegħa tal-2024 abbażi tad-data tal-eżitu għall-2023, f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali eżistenti.

- (8) Fis-26 ta' April 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposti leġiżlattivi biex timplimenta riforma komprensiva tar-regoli ta' governanza ekonomika tal-Unjoni. L-objettiv ċentrali tal-proposti huwa li tissaħħaħ is-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku u li jiġi promoss it-tkabbir sostenibbli u inklużiv fl-Istati Membri kollha permezz ta' riformi u investimenti. Fil-proposti tagħha, il-Kummissjoni għandha l-għan li ttejjeb is-sjieda nazzjonali, tissimplifika l-qafas u timxi lejn fokus akbar fuq terminu medju, flimkien ma' infurzar effettiv u aktar koerenti. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fl-14 ta' Marzu 2023 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, l-objettiv huwa li l-ħidma leġiżlattiva tiġi konkluża fl-2023.

- (9) Fid-29 ta' April 2021 is-Slovakkja ppreżentat il-pjan nazzjonali tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V għal dak ir-Regolament. Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tiegħu dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għas-Slovakkja<sup>6</sup>. Ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali jiddependi fuq l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, li tiddikjara li s-Slovakkja tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. It-twettiq sodisfaċenti jippresupponi li l-kisba tal-istadji importanti u l-miri preċedenti ma tkunx treggħet lura. Fis-26 ta' April 2023, is-Slovakkja ppreżentat pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza modifikat, inkluż kapitolu tar-REPowerEU, lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 21c tar-Regolament (UE) 2021/241. Il-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza modifikat iqis ukoll il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata, f'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, u jinkludi talba motivata lill-Kummissjoni biex temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 peress li s-Slovakkja qieset li l-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi.

---

<sup>6</sup> ST 10156/2021 INIT; ST 10156/2021 ADD 1; ST 10156/2021 COR 1.

- (10) Fis-27 ta' April 2023, is-Slovakkja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2023 u, fis-27 ta' April 2023, il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 tagħha, f'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Biex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati flimkien. F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali tas-Slovakkja dwar il-progress li sar fil-kisba tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha.
- (11) Fl-24 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ippublikat ir-rapport tagħha tal-pajjiż 2023 għas-Slovakkja. Huwa vvaluta l-progress tas-Slovakkja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti adottati mill-Kunsill bejn l-2019 u l-2022, u ħa kont tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tas-Slovakkja. Abbażi ta' dik l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika lakuni fir-rigward ta' dawk l-isfidi li mhumiex indirizzati jew li huma indirizzati biss parzjalment mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll sfidi ġodda u emerġenti. Huwa vvaluta wkoll il-progress tas-Slovakkja fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

(12) Il-Kummissjoni wettqet analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 għas-Slovakkja u ppubblikat ir-riżultati tagħha fl-24 ta' Mejju 2023. Il-Kummissjoni kkonkludiet li s-Slovakkja mhix qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, il-vulnerabbiltajiet relatati mal-kompetittività, l-akkomodazzjoni, id-dejn tal-unitajiet domestiċi u l-bilanċ estern qed jiżdiedu, iżda b'mod ġenerali jidhru li huma inklużi fil-futur qrib u huma mistennija li jittaffew hekk kif il-kundizzjonijiet ekonomiċi jinnormalizzaw. L-ekonomija ntaqtet b'mod qawwi mix-xokk tal-prezzijiet tal-enerġija bl-inflazzjoni tiżdied b'rata mgħaġġla. L-inflazzjoni bażika u t-tkabbir tal-kost ta' unità lavorattiva huma ferm ogħla mill-medja taż-żona tal-euro. Filwaqt li huma mbassra li jinnormalizzaw, hemm ir-riskju li l-pressjoni fuq il-kompetittività tal-kostijiet tista' tieġu ż-żmien biex tingħeleb, u li domanda domestika qawwija ser tkompli tpoġġi pressjonijiet fuq il-kontijiet esterni. Il-kont kurrenti ddeterjora b'mod sinifikanti fl-2022 minħabba prezzijiet ogħla tal-importazzjoni tal-enerġija kif ukoll tnaqqis sinifikanti fl-esportazzjonijiet netti ta' prodotti mhux tal-enerġija. Id-defiċit tal-kont kurrenti huwa mbassar li jitjieb ftit iżda li jibqa' kbir fl-2023 u l-2024, minkejja t-tnaqqis fil-prezzijiet tal-enerġija. Madankollu, ir-riskji esterni għas-sostenibbiltà huma vvalutati li huma limitati fil-futur qrib. Id-defiċits tal-gvern huma mbassra li jkunu sinifikanti din is-sena u li jmiss u li ser jikkoreġu mill-2024. Il-prezzijiet tad-djar jidhru li huma kemxejn sopravvalutati wara bosta snin ta' tkabbir qawwi. Dan seħħ flimkien ma' self għoli, li issa qed jonqos, u żieda qawwija fid-dejn tal-unitajiet domestiċi, li flimkien jippreżentaw xi riskju għall-istabbiltà finanzjarja. Madankollu, is-settur bankarju għadu kapitalizzat sew, profittabbli ħafna u jirreġistra self improduttiv baxx. Huma meħtieġa sforzi kontinwi biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet ekonomiċi tas-Slovakkja. B'mod partikolari, id-domanda eċċessiva għandha tiġi riformulata biex tappoġġa l-korrezzjoni tad-defiċit tal-kont kurrenti u d-differenzjali tal-inflazzjoni ewlenija fil-konfront tal-bqija taż-żona tal-euro. Dan jista' jinkiseb billi jiġu żgurati konsolidazzjoni fiskali adegwata u miżuri biex jiġi indirizzat id-dejn tal-unitajiet domestiċi, filwaqt li tinżamm l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni permezz ta' tassazzjoni fuq il-proprjetà u miżuri li jappoġġaw il-provvista tal-akkomodazzjoni.

- (13) Skont id-data vvalidata mill-Eurostat, id-defiċit tal-gvern estiż tas-Slovakkja naqas minn 5.4 % tal-PDG fl-2021 għal 2.0 % fl-2022, filwaqt li d-dejn tal-gvern estiż naqas minn 61.0 % tal-PDG fi tmiem l-2021 għal 57.8 % fi tmiem l-2022. Fl-24 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ħarġet rapport skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat. Dak ir-rapport iddiskuta s-sitwazzjoni baġitarja tas-Slovakkja, billi d-defiċit tal-gvern estiż tagħha huwa ppjanat li jaqbeż it-3 % tal-PDG fl-2023. Ir-rapport ikkonkluda li l-kriterju tad-defiċit ma ġiex issodisfat. F'konformità mal-komunikazzjoni tat-8 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ma pproponietx li tiftaħ proċeduri ġodda ta' defiċit eċċessiv fir-rebbiegħa 2023. Il-Kummissjoni ddikjarat sussegwentement li kienet ser tipproponi lill-Kunsill biex jiftaħ proċeduri ta' defiċit eċċessiv ibbażati fuq id-defiċit fir-rebbiegħa 2024, abbażi tad-data tal-eżitu għall-2023. Jenħtieġ li s-Slovakkja tqis dan fl-eżekuzzjoni tal-baġit tagħha għall-2023 u fit-tnejn tal-abbozz tal-pjan baġitarju għall-2024.

- (14) Il-bilanċ tal-gvern estiż intlaqat mill-miżuri ta' politika fiskali meħuda biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Fl-2022, miżuri bħal dawn li jżidu l-infiq tal-politika fiskali kienu jinkludu benefiċċji għall-unitajiet domestiċi l-aktar esposti għal inflazzjoni għolja, żieda ta' darba fil-benefiċċji tat-tfal, pagament ta' darba tal-"14-il pensjoni", bonus ta' darba mħallas lill-impjegati kollha fis-settur pubbliku, u prezzijiet limitati tal-elettriku u tal-gass għall-kumpaniji mhux regolati. Il-kost ta' dawk il-miżuri kien parzjalment ikkumpensat minn taxxi ġodda fuq profitti mhux mistennija tal-produtturi u l-fornituri tal-enerġija, jiġifieri l-kontribuzzjoni ta' solidarjetà pprovduta f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1854<sup>7</sup>. Il-Kummissjoni tistma li l-kost baġitarju nett ta' dawk il-miżuri huwa ta' 0.2 % tal-PDG fl-2022. Il-bilanċ tal-gvern estiż ġie affettwat ukoll mill-kost baġitarju tal-offerta ta' protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna, li hija stmata għal 0.1 % tal-PDG fl-2022. Fl-istess ħin, il-kost stmat tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19 naqas għal 0.8 % tal-PDG fl-2022, minn 3.2 % fl-2021.
- (15) Fit-18 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill irrakkomanda li fl-2022 is-Slovakkja<sup>8</sup> iżomm pożizzjoni fiskali ta' appoġġ, inkluż mill-impuls ipprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u tippreserva l-investiment ifffinanzjat nazzjonalment.

---

<sup>7</sup> Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1854 tas-6 ta' Ottubru 2022 dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija (ĠU L 261I, 7.10.2022, p. 1).

<sup>8</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021 li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tas-Slovakkja għall-2021, (ĠU C 304, 29.7.2021, p. 121).

- (16) Skont l-istimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali<sup>9</sup> fl-2022 kienet restrittiva, b'1.3 % tal-PDG li kienet xierqa f'kundest ta' inflazzjoni għolja. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, is-Slovakkja kompliet tappoġġa l-irkupru b'investimenti li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Faċilità. In-nefqa ffinanzjata mill-ġhotjiet taħt il-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni ammontat għal 1.2 % tal-PDG fl-2022 (1.3 % tal-PDG fl-2021). It-tnaqqis fin-nefqa ffinanzjata minn ġhotjiet taħt il-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni fl-2022 kien dovut għall-assorbiment baxx tal-fondi strutturali tal-Unjoni u l-posponimenti tal-infiq realizzati minn ġhotjiet taħt il-Faċilità. L-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali pprova kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0.2 punt perċentwali għall-pożizzjoni fiskali<sup>10</sup>. Għalhekk, is-Slovakkja ppreservat l-investment iffinanzjat nazzjonalment, kif irrakkomandat mill-Kunsill. Fl-istess ħin, it-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali (netta minn miżuri ġodda ta' dħul) ipprova kontribuzzjoni restrittiva ta' 1.3 % punt perċentwali għall-pożizzjoni fiskali. Għalhekk is-Slovakkja żammet biżżejjed taħt kontroll it-tkabbir fin-nefqa kurrenti ffinanzjata nazzjonalment.

---

<sup>9</sup> Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala l-bidla fin-nefqa primarja (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji), bl-esklużjoni tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19 iżda li tinkludi n-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (ġhotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni, meta mqabbla mat-tkabbir potenzjali fuq terminu medju. Għal aktar dettalji ara l-Kaxxa 1 fit-Tabelli Statistiċi Fiskali.

<sup>10</sup> Nefqa kapitali oħra ffinanzjata nazzjonalment ipprovdiet kontribuzzjoni restrittiva ta' 0.1 punt perċentwali tal-PDG.

- (17) Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Stabbiltà 2023 huwa konformi mat-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għall-2023 u minn hemm 'il quddiem. Il-gvern jipprojetta li l-PDG reali jikber b'1.3 % fl-2023 u b'1.8 % fl-2024. B'paragun ma' dan, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta tkabbir tal-PDG reali oġġla ta' 1.7 % fl-2023 u 2.1 % fl-2024, prinċipalment minħabba rkupru aktar mgħaġġel milli mistenni fl-esportazzjonijiet hekk kif il-konġestjonijiet fil-katina tal-provvista huma mistennija li jisparixxu u l-perspettiva ekonomika tad-destinazzjonijiet ewlenin tal-esportazzjoni tas-Slovakkja titjeb.
- (18) Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2023, il-gvern jistenna li d-defiċit tal-gvern estiż ser jiżdied għal 6.3 % tal-PDG fl-2023. Iż-żieda fl-2023 tirrifletti prinċipalment il-miżuri adottati biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, kif ukoll miżuri oħra bħaż-żieda tal-bonus tat-taxxa u l-benefiċċji għat-tfal, u l-introduzzjoni ta' bonus tal-ġenituri. Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jiżdied minn 57.8 % fi tmiem l-2022 għal 58.7 % fi tmiem l-2023. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 6.1 % tal-PDG għall-2023. Dan huwa konformi mad-defiċit ipprojettat fil-Programm ta' Stabbiltà 2023. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon simili tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż, ta' 58.3 % fi tmiem l-2023.

(19) Il-bilanċ tal-gvern estiż fl-2023 huwa mistenni li jkompli jiġi affettwat mill-miżuri fiskali meħuda biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Dawn jikkonsistu f'miżuri estiżi mill-2022, b'mod partikolari limitu massimu fuq il-prezzijiet tal-elettriku u tal-gass għall-kumpaniji mhux regolati, u miżuri ġodda bħal limitu massimu fuq il-prezzijiet tal-provvista tal-elettriku, tal-gass u tat-tiġin għad-djar u għall-kumpaniji (żgħar) regolati. Il-kost ta' dawk il-miżuri huwa parzjalment ikkumpensat minn taxxi fuq profitti mhux mistennija tal-fornituri tal-enerġija, jiġifieri l-kontribuzzjoni ta' solidarjetà marbuta mar-Regolament (UE) 2022/1854, l-imposta speċjali għall-kumpanija tal-kostruzzjoni tal-ġestjoni tal-ilma, u l-limitu fuq id-dħul għall-produtturi tal-elettriku bi profitti eċċessivi. Meta jitqies dak id-dħul, il-kost baġitarju nett tal-miżuri ta' appoġġ huwa pprojetat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għal 2.0 % tal-PDG fl-2023<sup>11</sup>. Il-miżuri fl-2023 ma jidhrux li huma mmirati lejn l-unitajiet domestiċi jew id-ditti l-aktar vulnerabbli, u ma jippreservawx bis-sħiħ is-sinjali tal-prezz biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija. B'riżultat ta' dan, l-ebda miżura ta' appoġġ immirata ma għandha titqies fil-valutazzjoni tal-konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022<sup>12</sup> (meta mqabbla ma' 0.2 % tal-PDG fl-2022). Il-kost baġitarju tal-protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna huwa pprojetat li jonqos b'0.1 punt perċentwali tal-PDG meta mqabbel mal-2022. Fl-aħħar nett, il-bilanċ tal-gvern estiż fl-2023 huwa mistenni li jibbenefika mit-tneħħija gradwali tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19, li ġew stmati għal 0.8 % tal-PDG.

---

<sup>11</sup> Iċ-ċifra tirrappreżenta l-livell tal-kost baġitarju annwali ta' dawk il-miżuri, inkluż id-dħul u n-nefqa kurrenti kif ukoll il-miżuri tan-nefqa kapitali.

<sup>12</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 tas-Slovakkja u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 tas-Slovakkja (ĠU C 334, 1.9.2022, p. 205).

- (20) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2022, il-Kunsill irrakkomanda li s-Slovakkja tiegħu azzjoni biex tiżgura li fl-2023 it-tkabbir tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali jkun konformi ma' pożizzjoni politika newtrali b'mod kumplessiv<sup>13</sup>, filwaqt li jitqies l-appoġġ temporanju u mmirat kontinwu għall-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u għan-nies li jaħarbu mill-Ukrajna. Fl-istess ħin, jenħtieġ li s-Slovakkja tkun lesta li taġġusta l-infiq attwali għas-sitwazzjoni li qiegħda tevolvi. Ġie rakkomandat lis-Slovakkja wkoll biex tespandi l-investiment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija filwaqt li tqis l-inizjattiva REPowerEU, inkluż billi tagħmel użu mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni.

---

<sup>13</sup> Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni, it-tkabbir potenzjali tal-output fuq terminu medju (medja ta' 10 snin) tas-Slovakkja, li jintuża biex titkejjel il-pożizzjoni fiskali, huwa stmat għal 12.0 % f'termini nominali.

(21) Fl-2023, il-pożizzjoni fiskali hija pprojetjata fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni li tkun espansjonarja (-6.2 % tal-PDG), f'kuntast ta' inflazzjoni għolja. Din issegwi pożizzjoni fiskali kontrazzjonali fl-2022 (1.3 % tal-PDG). It-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali (nett minn miżuri diskrezzjonali ta' dħul) fl-2023 huwa pprojettat li jipprovdi kontribut espansiv ta' 4.4 % tal-GDP għall-pożizzjoni fiskali. Dan jinkludi l-kost imnaqqas tal-miżuri ta' appoġġ immirati għall-unitajiet domestiċi u għad-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija b'0.2 % tal-PDG. Dan jinkludi wkoll kost aktar baxx tal-offerta ta' protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna (b'0.1 % tal-PDG). Il-kontribuzzjoni espansjonarja tan-nefqa kurrenti primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali għalhekk mhijiex minħabba l-appoġġ immirat lejn l-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli għal żidiet fil-prezz tal-enerġija u lill-persuni li qed jaħarbu mill-Ukrajna. It-tkabbir espansjonarju fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali (nett minn miżuri diskrezzjonarji ta' dħul) huwa xprunat minn miżuri tal-enerġija mhux immirati, żidiet permanenti fil-pagi għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa, u t-tnaqqis fir-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) fuq is-setturi tal-ikel u tad-divertiment. Fil-qosor, it-tkabbir ipprojettat tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali mhux konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022. In-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet taħt il-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni hija pprojetjata li tammonta għal 2.8 % tal-PDG fl-2023, filwaqt li l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali huwa pprojettat li jipprovdi kontribuzzjoni restrittiva għall-pożizzjoni fiskali ta' 0.1 punt perċentwali<sup>14</sup>. Għalhekk, is-Slovakkja qed tippjana li tiffinanzja investment addizzjonali permezz tal-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni, u tipprojetta li tippreserva l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali<sup>15</sup>. Hija tippjana li tiffinanzja l-investment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija, bħall-Istrateġija Nazzjonali għar-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni, bil-għan li żżid il-flessibbiltà u tqassar iż-żmien tax-xiri tas-servizzi u tinvolvi firxa usa' ta' fornituri, inklużi kumpaniji żgħar u ta' daqs medju.

<sup>14</sup> Nefqa kapitali oħra ffinanzjata nazzjonalment hija pprojetjata li tipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0.1 punt perċentwali tal-PDG.

<sup>15</sup> In-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet taħt il-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni ammontat għal 0.0 % tal-PDG fl-2023, filwaqt li l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali pprova kontribuzzjoni espansjonarja għall-pożizzjoni fiskali ta' 1.3 punti perċentwali. Nefqa kapitali oħra ffinanzjata fil-livell nazzjonali hija pprojetjata li tipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0.1 punt perċentwali tal-PDG.

- (22) Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos għal 4.7 % tal-PDG fl-2024. It-tnaqqis fl-2024 jirrifletti prinċipalment it-tneħħija gradwali tal-miżuri li jtaffu l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jiżdied għal 59.3 % fi tmiem l-2024. Abbażi tal-miżuri politiċi magħrufa fid-data tal-għeluq tat-tbassir, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 4.8 % tal-PDG fl-2024. Dan huwa konformi mad-defiċit ipprojettat fil-Programm ta' Stabbiltà 2023. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon simili tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż ta' 58.7 % fi tmiem l-2024.
- (23) Il-Programm ta' Stabbiltà 2023 jipprevedi t-tneħħija gradwali tal-miżuri kollha ta' appoġġ għall-enerġija fl-2024. Il-Kummissjoni tassumi wkoll it-tneħħija gradwali sħiħa tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija fl-2024. Dan huwa bbażat fuq is-suppożizzjoni li ma jkunx hemm żidiet ġodda fil-prezzijiet tal-enerġija.

(24) Ir-Regolament (KE) Nru 1466/97 jitlob titjib annwali fil-bilanċ tal-baġit strutturali lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju b'0.5 % tal-PDG bħala punt ta' riferiment<sup>16</sup>. Meta jitqiesu konsiderazzjonijiet ta' sostenibbiltà fiskali u l-ħtieġa li d-defiċit jitnaqqas għal taħt il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG skont it-Trattat, skont il-Kummissjoni jkun xieraq titjib fil-bilanċ strutturali ta' mill-inqas 0.7 % tal-PDG għall-2024. Sabiex jiġi żgurat tali titjib, u f'konformità mal-metodoloġija tal-Kummissjoni, it-tkabbir fin-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali<sup>17</sup> fl-2024 jenħtieġ li ma jaqbiżx il-5.7 %, kif rifless f'din ir-Rakkomandazzjoni. Dan ser jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tal-inflazzjoni bażika, li hija ferm ogħla mill-medja taż-żona tal-euro, u li jista' jwassal għal telf fil-kompetittività jekk ikun persistenti, u għat-tiżni tal-pożizzjoni esterna. Fl-istess ħin, il-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija li jifdal (attwalment stmati mill-Kummissjoni għal 2 % tal-PDG fl-2023) jenħtieġ li jitneħħew gradwalment, jekk l-iżviluppi tas-suq tal-enerġija jippermettu li dan isir u l-ewwel għandhom ikunu l-miżuri l-inqas immirati, u l-iffrankar relatat jenħtieġ li jintuża biex jitnaqqas id-defiċit tal-gvern. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, dan iwassal għal tkabbir fin-nefqa primarja netta taħt ir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata għall-2024. Barra minn hekk, skont it-tbassir tar-rebbieġha 2023 tal-Kummissjoni, it-tkabbir fin-nefqa netta kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali fl-2023 mhuwiex f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022. Jekk dan jiġi kkonfermat, ikun xieraq li jkun hemm inqas tkabbir fin-nefqa primarja netta fl-2024.

---

<sup>16</sup> L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 jirrikjedi wkoll aġġustament ta' aktar minn 0.5 % tal-PDG għall-Istati Membri b'dejn tal-gvern li jaqbeż is-60 % tal-PDG, jew b'riskji aktar evidenti għas-sostenibbiltà tad-dejn.

<sup>17</sup> In-nefqa primarja netta hija definita bħala nefqa ffinanzjata nazzjonalment netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji u bl-esklużjoni tal-infiq fuq l-imġax kif ukoll l-infiq ċikliku fuq il-qgħad.

- (25) Jekk wieħed jassumi li l-politiki ma jinbidlux, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta li n-nefqa primarja netta ffinanzjata nazzjonalment tikber bi 2.5 % fl-2024, li huwa taħt ir-rata ta' tkabbir rakkomandata. L-aġġustament ipprojettat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni huwa inqas mill-iffrankar mit-tneħħija gradwali sħiħa tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija, li huwa dovut għal miżuri ta' nefqa permanenti bħal kumpens oġhla tal-impjegati pubbliċi, il-pakkett tal-familja inkluż bonus tat-taxxa u żieda fil-benefiċċji tat-tfal, kif ukoll l-introduzzjoni ta' bonus tal-ġenituri skont ir-riforma tal-pensjonijiet.
- (26) Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, l-investment tal-gvern huwa mistenni li jonqos minn 5.1 % tal-PDG fl-2023 għal 4.0 % tal-PDG fl-2024. L-investment aktar baxx jirrifletti investment aktar baxx iffinanzjat mill-Unjoni, jiġifieri permezz tal-fondi strutturali. Il-Programm ta' Stabbiltà 2023 jirreferi għal riformi u investimenti li huma mistennija jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà fiskali u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv. Dawn jinkludu riforma approvata reċentement li tintroduċi limiti massimi tan-nefqa u riforma tal-pensjonijiet, li huma wkoll parti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.
- (27) Il-Programm ta' Stabbiltà 2023 jiddeskrivi perkors fiskali fuq terminu medju sal-2026. Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, il-miri tal-gvern jipprojetta li d-defiċit jilħaq 3.2 % tal-PDG fl-2025 u 2.2 % fl-2026. Għaldaqstant, id-defiċit tal-gvern mistenni li jaqa' taħt il-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG fl-2026.

(28) Is-sistema tat-taxxa tas-Slovakkja turi l-potenzjal li tiġi riformata biex tingħata spinta lill-effiċjenza ekonomika, tippromwovi s-sostenibbiltà ambjentali u fiskali, u titjeb l-ekwità. Il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol huwa partikolarment għoli għal dawk bi dħul baxx meta mqabbel ma' Stati Membri oħra. B'kuntrast ma' dan, it-tassazzjoni ambjentali u fuq il-proprjetà ma tintużax sal-potenzjal kollu tagħha. Il-bidla fit-taħlita tat-taxxa tista' tappoġġa t-tkabbir u tgħin ukoll fl-inkoraġġiment tat-tranżizzjoni ekoloġika u tas-sostenibbiltà ambjentali. Minkejja l-intensità għolja ta' enerġija tal-ekonomija, id-dħul mit-taxxi ambjentali kien ta' 2.5 % fl-2021, qrib il-medja tal-Unjoni. L-imposti ambjentali relatati mal-ġestjoni tal-iskart u t-tniġġis tal-arja ma jixprunawx biżżejjed l-użu tar-riżorsi effiċjenti u ma jnaqqasux il-kostijiet għall-ambjent u għas-soċjetà. It-taxxi u l-imposti ambjentali mhumiex indicijati, u dan tul iż-żmien inaqqas id-dħul ekoloġiku. It-taxxi tat-triq u l-ħlasijiet ta' reġistrazzjoni tal-vetturi ma jirriflettux b'mod suffiċjenti l-intensità tal-emissjonijiet. B'mod ġenerali, is-sehem tat-tassazzjoni fuq it-trasport tad-dħul totali mit-taxxa huwa biss ta' 0.58 %, imqabbla mal-medja tal-Unjoni ta' 1%. Dwar it-tassazzjoni fuq il-proprjetà, id-dħul mit-taxxi rikorrenti fuq il-proprjetà kien relattivament baxx fl-2021 (0.5 % tal-PDG meta mqabbel mal-medja tal-Unjoni ta' 1.2 %). Is-Slovakkja bħalissa ma għandhiex biżżejjed data biex tippermetti li l-bażi għat-taxxa fuq il-proprjetà tiġi aġġornata u indicijata f'konformità mal-valuri tas-suq, għalkemm dan jista' wkoll irażżan parzjalment id-domanda qawwija kontinwa għall-akkomodazzjoni u t-tkabbir qawwi relatat fil-prezzijiet tad-djar. Barra minn hekk, aktar sforzi biex jiġu ssimplifikati t-taxxi u titjeb il-konformità mar-regoli tat-taxxa jistgħu jżidu d-dħul pubbliku u min-naħa tagħhom jappoġġaw is-sostenibbiltà fiskali u jtejbu l-ġustizzja. Fl-2020, id-diskrepanza fil-konformità tat-taxxa tal-VAT fis-Slovakkja kompliet ix-xejra 'l isfel tagħha. Dan naqas minn 15 % fl-2019 għal 13.9 % tad-dħul totali mistenni mill-VAT fl-2020 iżda xorta għadu ogħla mill-medja tal-Unjoni (9.1 %). Aktar titjeb fl-amministrazzjoni tat-taxxa, inkluż fil-fatturazzjoni elettronika, fil-prospetti tat-taxxa mimlijin minn qabel u aktar diġitalizzazzjoni jistgħu jgħinu biex ikompli jitnaqqas it-telf fis-sistema tat-taxxa.

- (29) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-kriterju 2.2 tal-Anness V għal dak ir-Regolament, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li għandhom jiġu implimentati sal-2026. L-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tas-Slovakkja sa issa kienet miexja sew, madankollu qed tiffaċċa xi sfidi hekk kif sejra 'l quddiem. Is-Slovakkja ppreżentat żewġ talbiet għal pagament, li jikkorrispondu għat-30 stadju importanti u miri fil-pjan u li jirriżultaw fi żborż ġenerali ta' EUR 1.11 biljun. Is-Slovakkja kienet fost l-Istati Membri bl-iktar progress mgħaġġel fl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, iżda ostakli potenzjali minħabba ostakli fil-kapaċità amministrattiva, flimkien mal-ħtieġa li tibda taħdem fuq miżuri addizzjonali tal-kapitolu REPowerEU ppreżentat mis-Slovakkja bħala parti mill-emendar tal-pjan tagħha, ippreżentat fis-26 ta' April 2023, jappellaw għal enfasi msaħħa fuq l-implimentazzjoni. L-inklużjoni tal-kapitolu l-ġdid tar-REPowerEU fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ser tippermetti li jiġu ffinanzjati riformi u investimenti addizzjonali b'appoġġ għall-oġġettivi strateġiċi tas-Slovakkja fil-qasam tal-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika. L-involviment sistematiku u effettiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, tas-sħab soċjali u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll ta' politiki ekonomiċi u tal-impjiegi oħra li jmorru lil hinn minn dak il-pjan, sabiex tiġi żgurata sjieda wiesgħa tal-aġenda ta' politika ġenerali.
- (30) Il-Kummissjoni approvat id-dokumenti kollha ta' programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni tas-Slovakkja fl-2022. It-tkomplija tal-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni b'komplementarjetà u sinerġija mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż il-Kapitolu REPowerEU, hija kruċjali biex tinkiseb it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, tiżdied ir-reżiljenza ekonomika u soċjali u jinkiseb żvilupp territorjali bbilanċjat fis-Slovakkja.

- (31) Lil hinn mill-isfidi ekonomiċi u soċjali indirizzati mill-pjan ta' rkupru u reżiljenza u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni, is-Slovakkja tiffaċċa għadd ta' sfidi addizzjonali relatati mad-djar, l-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika.
- (32) Il-progress mis-Slovakkja fit-tnaqqis tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra fil-biċċa l-kbira waqaf f'dawn l-aħħar snin. Il-pajjiż jibqa' ekonomija strutturalment intensiva fl-enerġija b'dipendenza għolja fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili. L-intensità tal-enerġija primarja tas-Slovakkja kienet ta' madwar 80 % oġhla mill-medja tal-Unjoni fl-2020, filwaqt li l-konsum finali tal-enerġija tagħha żdied bi 13.5 % bejn l-2015 u l-2021. Is-Slovakkja kisbet xi progress fid-diversifikazzjoni tal-importazzjonijiet tal-enerġija fl-2022, iżda l-miżuri għall-iffrankar tal-gass ma ġewx implimentati biżżejjed. Il-konsum tal-gass naturali tas-Slovakkja żdied b'1 %<sup>18</sup> fil-perjodu bejn Awwissu 2022 u Marzu 2023, meta mqabbel mal-konsum medju tal-gass matul l-istess perjodu fil-ħames snin preċedenti, taħt sew il-mira ta' tnaqqis ta' 15 % stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369<sup>19</sup>. Is-Slovakkja hija mħeġġa ssaħħaħ l-isforzi tagħha biex tnaqqas temporanjament id-domanda għall-gass sal-31 ta' Marzu 2024 skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/706<sup>20</sup>. Is-sehem tal-importazzjonijiet tal-gass naturali mir-Russja tnaqqas minn 85 % għal madwar 50 % mis-sajf tal-2022. Filwaqt li r-riformi inklużi fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza wasslu għal żieda sinifikanti fil-kapaċità disponibbli għall-konnessjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli mal-grilja fis-Slovakkja, sehem żgħir biss tal-kapaċità libera ntuża biex jiġu konnessi installazzjonijiet rinnovabbli ġodda. Użu aktar mgħaġġel ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli jgħin jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi u titnaqqas id-dipendenza tas-Slovakkja fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili (inkluż mir-Russja), u b'hekk jittaffa r-riskju tal-faqar enerġetiku fi prezzijiet volatili tal-enerġija. Il-kapaċità installata kumulattiva tal-enerġija solari u eolika kienet ta' madwar 7 % tal-kapaċità installata totali fl-2022, it-tieni l-aktar livell baxx fl-Unjoni.

---

<sup>18</sup> Id-data għas-Slovakkja bħalissa qed tiġi vvalidata mill-Eurostat.

<sup>19</sup> Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369 tal-5 ta' Awwissu 2022 dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass (ĠU L 206, 8.8.2022, p. 1).

<sup>20</sup> Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/706 tat-30 ta' Marzu 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2022/1369 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu tat-tnaqqis fid-domanda għall-miżuri tat-tnaqqis fid-domanda tal-gass, u t-tiżi tar-rapportar u tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom (ĠU L 93, 31.3.2023, p. 1).

(33) Is-Slovakkja ppromulgat riformi fil-qasam tat-tfassil tas-suq u tal-appoġġ għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fl-2022, bħala parti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha, iżda miżuri ulterjuri jippermettu introduzzjoni aktar rapida ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari għar-riħ, għax-xemx, għall-ġeotermali, għall-bijometan u għall-idroġenu. Dawk il-miżuri jinkludu s-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi u amministrattivi, inkluż permezz tal-istabiliment ta' "punti uniċi ta' servizz" amministrattivi u żoni deżinjati għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Is-Slovakkja tibbenefika jekk il-proċeduri għall-aċċess għall-grilja tal-enerġija rinnovabbli jsiru aktar effiċjenti, b'mod partikolari permezz tar-riforma tas-sistema ta' riżerva tal-kapaċità, billi l-konnessjoni mal-grilja ssir inqas ta' piż amministrattiv, u billi jiġu riveduti t-tariffi għall-konnessjoni mal-grilja, f'konformità mal-parametri referenzjarji u l-aħjar Prattika tal-Unjoni. Biex takkomoda l-volum dejjem akbar ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli intermittenti, is-Slovakkja għandha potenzjal kbir biex timmodernizza n-networks tal-elettriku tagħha (kemm fil-livell ta' trażmissjoni kif ukoll ta' distribuzzjoni), tibni faċilitajiet ġodda għall-ħżin tal-elettriku u tavvanza bil-ħolqien tal-qafas regolatorju għall-idroġenu rinnovabbli. Aktar progress fl-iżvilupp tas-setturi tal-enerġija ġeotermali u tal-bijometan jipprovdi sostituti għall-gass naturali, li jintuża b'mod wiesa' bħala sors ta' enerġija fis-sistemi ta' tisħin distrettwali fejn l-użu ta' sorsi ta' sħana rinnovabbli jibqa' sottożviluppat.

(34) Filwaqt li s-Slovakkja qed tagħmel progress fl-effiċjenza enerġetika tal-bini residenzjali bħala riżultat tal-investiment ambizzjuż taħt il-Faċilità u l-Fond ta' Koeżjoni, huwa meħtieġ aktar sforz, speċjalment fir-rinnovazzjonijiet profondi ta' bini mhux residenzjali pubbliku u privat, flimkien ma' miżuri ta' rinnovazzjoni mmirati lejn il-faqar enerġetiku u l-unitajiet domestiċi vulnerabbli. Is-Slovakkja tibbenefika jekk tindirizza diversi ostakli biex taċċellera r-rinnovazzjonijiet tal-bini u tattira aktar investiment privat, jiġifieri billi: (i) tadatta tal-iskemi ta' rinnovazzjoni; (ii) tipprovdi assistenza teknika; (iii) tiżviluppa l-approċċ ta' "punt uniku ta' servizz"; (iv) tiġbor data rilevanti dwar l-enerġija dwar il-bini pubbliku biex jgħin fil-prijoritizzazzjoni tal-investiment; u (v) ittejjeb il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi differenti u l-programmi ta' finanzjament. Huwa meħtieġ sforz addizzjonali biex jiġi indirizzat strutturalment il-faqar enerġetiku, b'mod partikolari permezz ta' skemi ddedikati ta' rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni u assistenza teknika u amministrattiva li tirrifletti l-ħtiġijiet tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli, flimkien ma' riformi u investiment fl-akkomodazzjoni soċjali. Biex is-Slovakkja tkun konformi mal-objettivi "Lesti għall-mira ta' 55 %", ser tkun meħtieġa ambizzjoni akbar fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u fiż-żieda tal-miri għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u għall-effiċjenza enerġetika.

- (35) In-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-setturi u l-okkupazzjonijiet ewlenin għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż il-manifattura, l-introduzzjoni u l-manutenzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, qed joħolqu ostakli fit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet zero netti. Sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja li jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu u miżuri mmirati ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid huma kruċjali biex jitnaqqas in-nuqqas ta' ħiliet u jiġu promossi l-inklużjoni u r-riallokazzjoni tax-xogħol. Biex tiġi sfruttata l-provvista tax-xogħol mhux sfruttata, dawk il-miżuri jeħtieġ li jkunu aċċessibbli, b'mod partikolari għall-individwi u fis-setturi u r-reġjuni l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika. Is-Slovakkja għandha wieħed mill-ogħla ishma ta' impjegi fil-manifattura tal-karozzi u fl-industrija tal-azzar fl-Unjoni, setturi affettwati ħafna mit-tranżizzjoni ekoloġika. Fl-istess ħin, fl-2022, ġew irrapportati nuqqasijiet ta' ħaddiema għal 24 okkupazzjoni li jeħtieġu ħiliet ekoloġiċi, inklużi ħaddiema tal-iżolament, plumbers u fitters tal-pajpijiet, kif ukoll elettriċisti tal-bini u relatati. Dan jitlob lievi ta' politika effettivi biex titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika f'firxa wiesgħa ta' setturi, filwaqt li tiġi żgurata l-ġustizzja.
- (36) Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 u l-opinjoni<sup>21</sup> tiegħu hija riflessa fir-rakkomandazzjoni (1).

---

<sup>21</sup> Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

(37) Fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-kontribut kollettiv tagħhom għall-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja, il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, biex (i) jippreservaw is-sostenibbiltà tad-dejn u joqogħdu lura minn appoġġ fuq bażi wiesgħa għad-domanda aggregata fl-2023, jimmiraw aħjar il-miżuri fiskali meħuda biex itaffu l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija u jirriflettu dwar modi xierqa biex inaqqsu l-appoġġ hekk kif jonqsu l-pressjonijiet tal-prezzijiet tal-enerġija; (ii) isostnu livell għoli ta' investiment pubbliku u jippromwovu l-investimenti privati biex jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali; (iii) jappoġġaw l-iżviluppi fil-pagi li jtaffu t-telf fil-kapaċità tal-akkwist filwaqt li jillimitaw l-effetti sekondarji fuq l-inflazzjoni, ikomplu jtejbu l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet; (iv) itejbu l-ambjent tan-negozju u jiżguraw li l-appoġġ għall-enerġija lill-kumpaniji jkun kosteffettiv, temporanju u mmirat lejn ditti vijabbli u li jżomm l-inċentivi għat-tranżizzjoni ekoloġika; u (v) jippreservaw l-istabbiltà makrofinanzjarja u jimmonitorjaw ir-riskji filwaqt li jkomplu jaħdmu fuq it-tlestija tal-unjoni bankarja. Għas-Slovakkja, ir-rakkomandazzjonijiet (1), (2), u (3) jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-ħames rakkomandazzjoni mogħtija fir-Rakkomandazzjoni tal-2023 dwar iż-żona tal-euro,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li fl-2023 u fl-2024 is-Slovakkja tieġu azzjoni biex:

1. Tnaqqas gradwalment il-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija ta' emerġenza fis-seħħ, u tuża l-iffrankar relatat biex tnaqqas id-defiċit tal-gvern, mill-aktar fis possibbli fl-2023 u l-2024. Jekk iż-żidiet imġedda fil-prezzijiet tal-enerġija jkunu jeħtieġu miżuri ta' appoġġ ġodda jew li jitkomplew, tiżgura li tali miżuri ta' sostenn ikunu mmirati lejn il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi u d-ditti vulnerabbli, ikunu fiskalment affordabbli, u jippreservaw l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija.

Tiżgura politika fiskali prudenti, b'mod partikolari billi tillimita ż-żieda nominali fin-nefqa primarja netta ffinanzjata nazzjonalment fl-2024 għal mhux aktar minn 5.7 %<sup>22</sup>.

Tippreserva l-investment pubbliku ffinanzjat fil-livell nazzjonali u tiżgura l-assorbiment effettiv tal-ġhotjiet taħt il-Faċilità u ta' fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari biex trawwem it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali.

Għall-perjodu lil hinn mill-2024, tkompli ssegwi strateġija fiskali fuq terminu medju ta' konsolidazzjoni gradwali u sostenibbli, flimkien ma' investimenti u riformi li jwasslu għal tkabbir sostenibbli ogħla, sabiex tikseb pożizzjoni fiskali prudenti fuq terminu medju.

Tagħmel it-taħlita tat-taxxa aktar effiċjenti u aktar ta' appoġġ għal tkabbir inklużiv u sostenibbli, inkluż billi tiġi sfruttata t-tassazzjoni ambjentali u fuq il-proprjetà. Tkompli ssaħħaħ il-konformità mat-taxxa, inkluż billi tkompli tiddiġitalizza l-amministrazzjoni tat-taxxa.

Tnaqqas ir-riskji relatati mad-dejn tal-unitajiet domestiċi billi tappoġġa l-provvista tad-djar u l-espansjoni tas-suq tal-kiri.

---

<sup>22</sup> Li hija stmata li tikkorrispondi għal titjib annwali fil-bilanċ tal-baġit strutturali ta' mill-inqas 0.7 % tal-PDG għall-2024, kif deskritt fil-premessa 24.

2. Iżżomm l-impetu f'implimentazzjoni kostanti tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha u, wara l-preżentazzjoni reċenti tal-addendum, li jinkludi l-kapitolu dwar REPowerEU, tibda malajr l-implimentazzjoni tal-miżuri relatati. Tkompli l-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, f'komplementarjetà u sinerġija mill-qrib mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.
3. Tnaqqas id-dipendenza tal-ekonomija fuq il-fjuwils fossili, b'mod partikolari fuq il-gass naturali fl-industrija u t-tisħin, u tiddiversifika l-importazzjonijiet ta' fjuwils fossili. Taċċellera l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari għall-gassijiet eoliċi, solari, ġeotermali u rinnovabbli, f'konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà rilevanti. Tisimplifika l-proċeduri għall-għoti ta' permessi u amministrattivi għall-użu ta' sorsi rinnovabbli, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' żoni ta' "one-stop-shops" u deżinjati. Timmodernizza n-network tal-elettriku u tagħmel il-proċeduri għall-konnessjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-grilja aktar effiċjenti u inqas ta' piż. Taċċellera u tinentiva rinnovazzjonijiet profondi ta' bini pubbliku u privat, tindirizza l-faqar enerġetiku permezz ta' rinnovazzjonijiet tal-akkomodazzjoni għal unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u żżid l-isforzi ta' politika mmirati lejn il-provvista u l-akkwist tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*